



L-Impjieg u d-diżabilità: Strateġiji għar-ritorn għax-xogħol

folja ta' **informazzjoni**

"Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea...isejjaħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, ...sabiex ikompli bl-isforzi tagħhom u jneħħu l-ostakoli għall-integrazzjoni u għall-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilitajiet fis-suq tax-xogħol..."

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-promozzjoni ta' l-impjieg u ta' l-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabilitajiet, il-15 ta' Lulju 2003.



X'INHU l-kuntest?

Il-kawżi tan-nuqqas ta' impjieg u ta' l-esklużjoni mill-post tax-xogħol huma diversi, iżda f'dawn l-aħħar snin, il-mard kroniku u d-diżabilità ġew ikkunsidrati bħala fatturi prinċipali. Numru ta' xejriet u ta' bidliet soċjali, mhux l-inqas l-anzjanità tal-forza tax-xogħol Ewropea, iffukaw fuq l-attenzjoni dejjem tikber dwar miżuri sabiex persuni b'mard kroniku u b'diżabilità jinżammu f'impjieg.

Il-kwistjoni ta' kif persuni b'mard kroniku ġew esklużi mill-post tax-xogħol hija waħda kumplessa u waħda li għadha relattivament ftit mifhuma. Madankollu, f'ħafna Stati Membri, in-numru ta' persuni li jirċievu benefiċċji ta' diżabilità jew li jtilqu mix-xogħol b'mod permanenti minħabba raġunijiet ta' saħħa huwa ogħla min-numru ta' persuni li m'għandhomx impjieg għal raġunijiet oħra.

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jtilqu mix-xogħol minħabba mard jew diżabilità ltaqgħu ma' din il-problema tul il-ħajja tagħhom fuq ix-xogħol. Minkejja li f'ħafna pajjiżi hemm interess dejjem jikber kemm f'livell ta' l-UE kif ukoll f'livell nazzjonali, it-tagħrif dwar it-tipi ta' miżuri li jistgħu jittieħdu u kemm dawn jistgħu jkunu effettivi sabiex jinkoraġġixxu ż-żamma fl-impjieg ta' persuni b'mard kroniku jew b'diżabilità, għadu limitat.

GĦALIEX din ir-riċerka?

Il-post tax-xogħol huwa rikonoxxut bħala l-ambjent prinċipali għall-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali. L-Aċċess għall-impjieg huwa assoċjat ma' livelli ogħla ta' dħul finanzjarju, awtonomija, saħħa u ġid u għaqda soċjali. Il-mard kroniku jew id-diżabilità jistgħu jbiddu l-possibiltajiet għall-impjieg, u dan jista' jwassal għal spirali ta' spejjeż dejjem akbar għall-individwu u l-familja tiegħu, għall-post tax-xogħol u għas-soċjetà in ġenerali.

Il-miri prinċipali tar-rapport tal-Fondazzjoni dwar l-impjieg u d-diżabilità huma li jinħoloq pont sabiex jimtela l-vojt eżistenti fit-tagħrif u li jiġi mħajjar dibattitu fost il-partijiet maġġuri interessati dwar din il-kwistjoni importanti. Ir-rapport jiddeskrivi inizjattivi li qegħdin iseħħu f'seba' Stati Membri għas-sostenn ta' l-impjieg ta' persuni b'mard kroniku. Jipproponi mudell ġdid sabiex tintiehem in-natura tal-problema, sabiex iħeġġeġ twegġibiet iktar f'waqthom u iktar approprijati.

L-istudju janalizza inizjattivi attwali ta' politika u leġislazzjoni f'dan il-qasam, u jidentifika prattika tajba fil-livell tal-kumpannija. Huwa jisħaq fuq id-distribuzzjoni ta' implikazzjonijiet ta' spejjeż u ta' benefiċċji ta' miżuri ta' politika bejn il-partijiet ewlenin interessati. Fl-aħħar, iressaq rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet speċifiċi li jistgħu jittieħdu għall-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali permezz ta' l-impjieg ta' persuni b'mard kroniku jew b'diżabilità.

X'INHUMA r-riżultati?

In-natura tal-problema

- In-numru ta' persuni li jitolbu pagamenti għal diżabilità għal żmien twil qiegħed jiżdied f'ħafna pajjiżi, u jaqbeż l-10% tal-forza tax-xogħol f'xi Stati Membri.
- Hemm provi li r-rati għolja ta' rtirar kmieni mix-xogħol huma fil-biċċa l-kbira tagħhom ikkawżati mill-mard.
- In-natura tal-mard li jikkawża rtirar kmieni u talbiet dejjem jiżdiedu għal diżabilità qiegħda tinbidel: problemi relatati ma' l-istress u ta' saħħa mentali huma fil-preżent dejjem iktar komuni meta pparagunati ma' inċidenti u korrimenti relatati max-xogħol.
- Minħabba l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-persuni bi problemi ta' saħħa li jżommuhom milli jaħdmu, żviluppaw din il-kundizzjoni waqt ix-xogħol – u mhux minħabba kawżi fuq ix-xogħol - l-iskema tas-sistemi għal meta wieħed jerġa' lura x-xogħol hija ħafna drabi inadegwata.

Il-proċess ta' esklużjoni

- It-triq lejn l-esklużjoni mill-post tax-xogħol tibda meta l-marda l-ewwel tibda teffettwa l-kapaċità ta' impjegat fix-xogħol tiegħu. F'dan il-punt hija kruċjali reazzjoni f'waqtha u approprijata.
- Fil-każ li ma jittiddux il-miżuri t-tajba, jista' jsegwi perjodu estiż ta' *sick leave*. Il-ħaddiema li huma l-aktar imdaħħla fiż-żmien, ħaddiema b'mard kroniku u partikolarment in-nisa huma dawk li x'aktarx jibqgħu mingħajr xogħol bħala riżultat ta' assenza għal żmien twil.
- Huwa fatt magħruf li 80% ta' dawk li huma assenti għal sitt ġimgħat jew iktar, ikunu jeħtieġu xi assistenza meta jerġgħu lura għax-xogħol.
- Il-probabbiltà li wieħed jerġa' lura għax-xogħol hija inqas minn 50% għal dawk li huma assenti bejn tlieta sa sitt xhur, u biss 20% għal dawk li huma assenti għal iktar minn 12-il xahar.
- Fatturi relatati mal-post tax-xogħol, bħal nuqqas ta' kuntatt mal-post tax-xogħol tul il-perjodu ta' mistrieħ, nuqqas ta' proċeduri għall-ġestjoni tad-diżabilità u l-kultura tal-kumpanija, jistgħu kollha jikkontribwixxu għall-probabbiltà li xi ħadd jonqos li jerġa' lura għax-xogħol.
- L-integrazzjoni mill-ġdid fil-proċess tax-xogħol ġeneralment tinvolvi numru ta' partijiet interessati, bħall-ħaddiem, il-familja, il-persuna li timpjega, it-tabib, u l-persunal tas-saħħa fuq ix-xogħol u ta' RU. Ir-rwoli u s-sistemi ta' sostenn tagħhom huma kruċjali sabiex il-ħaddiem jiġi ggwidat lejn il-mixja lura għax-xogħol.



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Publications.eu.int

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għixien u tax-Xogħol
Wyattville Road, Loughinstown, Dublin 18, l-Irlanda
Telefon: (+353 1) 204 21 00 Email: postmaster@eurofound.eu.int
Sit ta' l-internet: www.eurofound.eu.int

Inizjattiva ta' evalwazzjoni

Bi prova sabiex jiġi identifikat il-vojt f'dispożizzjonijiet attwali u sabiex tiġi identifikata l-ħtieġa għal razzjonalizzazzjoni, integrazzjoni jew emendi, il-proġett tal-Fondazzjoni żviluppa mezzi ta' evalwazzjoni. Hu jisħaq fuq diversi aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni ta' mard kroniku u diżabilità tul il-ħajja tax-xogħol, bħal:

- il-ħtieġa għal bidla f'sistemi ta' sigurtà soċjali;
- l-importanza ta' min jipprovdi fondi għal diżabilità għal żmien twil;
- ir-responsabbiltajiet tal-partijiet differenti involuti fl-assigurazzjoni ta' ritorn għax-xogħol, u fil-provvediment ta' iċċentivi;
- il-kumplessità ta' sistemi u ta' problemi f'koordinazzjoni bejn aġenziji rilevanti;
- il-ħtieġa sabiex jitjeb l-aċċess għal servizzi u benefiċċji.

X'JONQOS issa?

Ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport huma indirizzati lejn tliet partijiet prinċipali: persuni responsabbli mid-deċiżjonijiet, min jipprovdi s-servizz u kumpaniji. Il-persuni responsabbli mid-deċiżjonijiet huma mħeġġa sabiex jadottaw approċċ iktar proattiv u integrat, sistemi ta' razzjonalizzazzjoni u aċċess għall-benefiċċji u servizzi għall-utenti. Għandu jkun hemm stennija espliċita ta' ritorn għax-xogħol. Għandhom jittieħdu azzjonijiet sabiex jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet, u sabiex jissaħħu r-rabtiet bejn il-post tax-xogħol, l-impjegati u dawk li jipprovdu s-servizz. Il-ġbir ta' l-informazzjoni għandu jitjeb.

Dawk li jipprovdu s-servizz għandhom jadottaw approċċ iktar koordinat, biex b'hekk jissaħħu r-rabtiet ma' postijiet tax-xogħol. Għandhom jadottaw approċċ ta' ġestjoni tad-diżabilità iktar proattiv mill-mudelli attwali ta' interventzjoni, u dan jeħtieġ it-titjib ta' livelli ta' kapaċitajiet professjonali.

Ikun l-aħjar jekk il-kumpaniji jintervjenu kmieni u jagħmlu l-aġġustamenti approprijati għall-postijiet tax-xogħol, għall-makkinarju u għall-prattiki tax-xogħol sabiex ir-ritorn għax-xogħol ta' l-impjegat ikun iktar faċli. Għandhom jadottaw b'mod attiv il-politika u l-prattika tal-ġestjoni tad-diżabilità.

Test sħiħ

http://www.eurofound.eu.int/living/illness_disability.htm

Aktar Informazzjoni

Teresa Renehan at ter@eurofound.eu.int

Xogħol tal-Fondazzjoni dwar kwistjonijiet relatati

Il-mard, id-diżabilità u l-inklużjoni soċjali (rapport)

<http://www.eurofound.eu.int/publications/EF0335.htm>

Il-mard u l-impieg: iż-żamma tar-rabta max-xogħol (rapport tal-konferenzi)

<http://www.eurofound.eu.int/publications/EF0474.htm>

L-aċċess għall-impieg għal gruppi vulnerabbli (Karta tal-Fondazzjoni)

<http://www.eurofound.eu.int/publications/EF0244.htm>

Approċċi integrati għal benessri attiv u politiki ta' l-impieg

<http://www.eurofound.eu.int/publications/EF0204.htm>

Il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa

<http://www.eurofound.eu.int/publications/EF9724.htm>

Approċċi ġodda għat-titjib tas-saħħa ta' forza tax-xogħol li qiegħda tinbidel

<http://www.eurofound.eu.int/publications/EF9942.htm>

L-impieg ta' persuni b'diżabilitajiet f'SMEs

<http://www.eurofound.eu.int/publications/EF9810.htm>

Il-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa

http://www.eurofound.eu.int/living/qual_life/index.htm